**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 977/95 AJM

Kawza numru 35

John Muscat u martu Grace Muscat, Anthony Cini u matru Marie Louise Cini, Nazzareno Portelli u martu Josephine Portelli, Frank Buttigieg u martu Anna Buttigieg, Emmanuel Galea u martu Vivienne Galea

Vs

George Cini u martu Pauline sive Polly Cini

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-20 ta' Lulju 1995 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi l-konvenuti ghandhom garage biswit id-dar taghhom li jmiss mal-proprjeta' residenzjali tal-atturi; illi dan il-garage jintuza mill-konvenuti ghall-ippakjar tal-ikel; illi dan qieghed jikkawza

inkonvenjent intollerabbli lill-atturi ossia hsejjes u damdim konsegwenza tal-magni u ingenji li joperaw bihom il-konvenuti; illi permezz ta' digriet tat-8 ta' Novembru 1994 wara mandat ta' inibizzjoni numru 2016/94 fl-ismijiet premessi, il-konvenut George Cini kien gie inibit milli jikkawza kull inkonvenjent inkluz hsejjes u damdim elenkati fil-mandat hawn anness; illi l-atturi fil-frattemp kienu pprovaw jaslu ghal ftehim bonarju liema tentattivi fallew; illi b'konsegwenza dan id-digriet skada u kontestwalment ma din ic-citazzjoni qieghed jigi presentat iehor analogu; illi l-atturi ma jabitawx gewwa zona industrijali u ghalhekk ihossu li ma ghandhomx isubixxu tali inkonvenjent; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddecidi u tiddikjara illi l-konvenuti qieghdin jikkawzaw inkonvenjent lill-atturi bi hsejjes damdin rizultat ta' xoghol ta' "food packing" li qieghed isir fil-garage adjacenti ghar-residenza ta' l-atturi;
2. tikkundanna lill-konvenuti jieqfu minn tali agir u tinibixxi lill-istess milli jkomplu tali negozju b'xi mod inkluz b'ingenji u makkinarju li jista' mix-xorta tieghu jikkawza dan l-inkonvenjent.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-atturi (id-dokumenti imsemmi ma giex ezebit).

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fis-27 ta' Novembru 1995 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-eccipjenti qeghdin jikkawzaw xi nkonvenjent u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.
2. Illi “dato non concesso” li jezisti xi xorta ta’ inkonvenjent dan huwa wiehed ragionevolment tollerabbli fil-ligi u jekk qatt, l-istess atturi messhom talbu mhux l-inibizzjoni ta’ kull xorta ta’ attivita tal-konvenuti, izda li jigi eliminat dan l-inkonvenjent, kif stabbilew diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Jannar 1996 li permezz tieghu inhatar Henry Baker bhala espert tekniku.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku mahluf fl-udjenza tas-17 ta’ Novembru 2000.

Hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-14 ta’ Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

L-atturi qed jilmetaw li, bhala girien tal-konvenuti, qed jbatu inkonvenjent minn xogholijiet ezegwiti fil-fond tal-istess konvenuti konsistenti f’ippakkettjar tal-effetti tal-ikel. Effettivament, kif sewwa

irrileva l-espert tekniku, mhux l-atturi kollha ghandhom proprjeta’ adjacenti ghall-garaxx in kwistjoni tal-konvenuti u ghalhekk dawk li l-proprjeta’ taghhom ma tmiss direttament ma’ dik tal-konvenuti ma jistghux jilmentaw u lanqas ma ghandhom locus standi f’dawn il-proceduri. Lanqas, fir-rigward ta’ dawn ma jista’ jinghad li qed isofru inkonvenjent minhabba l-ipparkjar ta’ truck tal-konvenuti fit-triq in kwistjoni billi dan ma jifformax mertu ta’ dawn il-proceduri.

Issa fir-rigward ta’ l-atturi John Muscat u Nazzareno Portelli, li ghandhom ir-residenza taghhom tmiss mal-garaxx tal-konvenuti, jirrizulta mir-rapport dettaljat tal-espert tekniku Henry Baker, li kull hoss maghmul mill-ingenji u makkinarju fil-garaxx tal-konvenuti ma jistax jigi kunsidrat bhala inkonvenjent billi dan il-hoss jaqa’ fil-limiti accettabbli internazzjonalment.

Illi l-atturi ma ikkontestawx dan ir-rapport u ghalhekk dan jaghmel prova fil-konfront taghhom u ghal din il-Qorti. Fic-cirkostanzi t-talbiet attrici ma jistghux hlief li jigu michuda.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra taghhom.

Onor Imhallef Albert J. Magri